# Ftuħ taċ-Ċelebrazzjoni tar- IV Ċentinarju mill-Mewt ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi

## (Firenze 1607-2007)

Il-Pirjol Ġenerali ta' l-Ordni tal-Karmnu jiftaħ iċ-Ċelebrazzjoni fil-25 ta' Mejju 2006 - tagħlaq 25 ta' Mejju 2007

Fil-25 ta Mejju tas-sena 1607 mietet Santa Marija Maddalena de' Pazzi fil-monasteru tas-sorijiet Karmelitani ta' Santa Marija ta' l-Anġli f'Firenze. Nota li tinsab fil-ktieb tan-Nekronoloġija tal-monasteru, ta' dak iż-żmien, tgħid hekk: *"Illum, 25 ta' Mejju ta' l-1607 għaddiet għal-liturġija tas-sema t-twajba Madre, Swor Marija Maddalena de' Pazzi, professa ta' 41 sena u xahrejn u li għexet fir-Reliġjon 24 sena u 4 xhur. Irċiviet is-sagramenti kollha minn idejn ir-Reverendu Vincenzo Puccini, il-Konfessur tagħna, li kien preżenti fil-mewt hienja u qaddisa tagħha. J'Alla l-Majestà Divina tiegħu tagħtina l-grazzja li nistgħu nimitaw f'din l-art il-virtujiet tagħha, biex hekk immorru ngawdu flimkien magħha l-Ġenna. Amen".*

Fil-25 ta' Mejju tas-sena 2006, biċ-ċelebrazzjoni ta' Quddiesa Solenni fil-knisja tal-monasteru attwali tal-Karmelitani f'Careggi (Firenze) u fejn hu miqjum il-ġisem b'nuqqas ta' taħsir tal-qaddisa, ir-Rev.ssmu. P. Joseph Chalmers, Pirjol Ġenerali, ta' l-Ordni Karmelitan, fetaħ iċ-ċelebrazzjonijiet tar-IV Ċentinarju, li jintemmu fil-25 ta' Mejju 2007. F'din il-konċelebrazzjoni ħadu sehem l-P. Viċi Ġenerali ta' l-Ordni, Carlo Cicconetti, il-P. Kunsillier Ġenerali tal-Mediterran u Delegat Ġenerali tas-Sorijiet Karmelitani, Rafael Leiva Sànchez, il-P. Provinċjal tal-Provinċja Taljana, Claudio Bellotti, il-membri tal-Kapitlu Provinċjal tal-Provinċja Taljana, li kien qed jiġi ċċelebrat f'Sassone (Ruma) f'dawk il-ġranet.

B'dan il-mod il-Karmelitani ngħaqdu mas-sorijiet Karmelitani li assistew mill-kor, waqt il-liturġija kollha u l-kant, li ħadu ħsiebhom ħuthom ir-reliġjużi. Fil-ħin tat-tqarbin resqu biex jitqarbnu minn idejn il-Ġeneral u l-Provinċjal tal-Provinċja Taljana. Id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija kienet wieħed mit-temi ċentrali tal-ħajja tal-Qaddisa Maddalena de' Pazzi.

Il-Ġeneral, fl-omelija tiegħu, niseġ kliem mirqum lis-sorijiet Karmelitani u lil dawk preżenti billi ċċentra ruħu fuq messaġġ f'ġieħ il-qaddisa: *Huwa xieraq li nibdew, infakkru u niċċelebraw illum ir-IV Ċentinarju mill-mewt tal-Qaddisa Marija Maddalena de' Pazzi, mhux biss għax hija qaddisa Karmelitana, u aħna Karmelitani, iżda*



*Pittura żgħira attribwita lil Pittur Fransco Zahra li turi lil Madonna tal-Karmnu qiegħed tgħatti il-Labtu lil San Xmun Stock, u tferraħ u titkellem, mal-Bambin il-Mant Karmelitana Santa Maddalena de' Pazzi. Din il-pittura qiegħda fi kwadru li fih 14-il pied tul u 8 wiesgħa. Il-gwarniċ tond li qiegħed iżżommil-quddiem u deheb maestużż u il-fjuri a mantello huma tal-fidda.*



*għax ħalliet lill-Knisja kollha eżempju tal-għaġeb, ta' ruħ innamrata ma' Alla. Hija ma ħallietx tagħlim komplet fuq l-orazzjoni (talb), anqas annaliżi psikoloġika applikabbli għall-mixja spiritwali tar-ruħ, iżda ħallitilna l-esperjenza personali tagħha ta' l-imħabba ta' Alla, li tnissel fina eku profond u sinjfikattiv. Biex inkunu nistgħu nifhmu l-għadd kbir ta' mumenti ta' estasi tagħha ma nistgħux ma nżommux quddiem għajnejna li kienu frott tal-kontemplazzjoni tagħha fuq il-Kelma ta' Alla fl-Ewkaitija u fl-orazzjoni Liturġika tagħha.*

Il-prova ta' l-awtentiċità ta' kull esperjenza ta' Alla hija l-ħajja fraterna. Santa Marija Maddalena de' Pazzi kienet tħobb lil ħutha b'imħabba straordinarja. It-talb u l-ħajja tagħna ta' kuljum għandhom ikollhom l-istess lingwaġġ. It-talb li ma jitwaħħadx fir-relazzjonijiet umani tagħna m'għandux ħafna valur... Santa Marija Maddalena de' Pazzi kellha devozzjoni tenera lejn il-Verġni Mbierka. Il-kontemplazzjoni tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni kienet it-tema ppreferut tal-qaddisa. Il-kontemplazzjoni tistama f'dak li jkun il-virtujiet tal-Verġni Mbierka.

Santa Marija Maddalena għexet il-parti l-kbira tal-ħajja reliġjuża tagħha fis-skiet. Matul dan iż-żmien kollu tatna eżempju ta' ħajja totalment mitlufa fil-Mulej. Is-skiet (silenzju) huwa virtù rrikmandata mir-Regola Karmelitana u mit-tradizzjoni tagħna: "Il-kult tal-ġustizzja hu s-silenzju" u wkoll: "fis-silenzju u fit-tama qiegħda l-qawwa tiegħek." Fis-silenzju nagħtu spazju lil Alla sabiex l-imħabba tiegħu tista' tbiddel ħajjitna. Hekk qawwija kienet din l-imħabba fil-qaddisa, li kienet iġġegħlha tgħajjat: "l-imħabba mhux maħbuba."

## Żjara fil-monasteru antik ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi

Hekk kif intemmet iċ-ċerimonja u għaddejna xi ftit ħin mas-sorijiet fil-parlatorji tal-monasteru, ir-reliġjużi kollha morna fil-kunvent tal-Karmnu f'Firenze għall-*agape* fraterna, u wara żorna l-monasteru antik ta' Santa Marija ta' l-Anġli, fejn għexet u mietet Santa Marija Maddalena de' Pazzi. Il-qaddisa daħlet fil-monasteru ta' l-Anġli tal-Karmelitani f'Firenze fit-8 ta' Diċembru 1582; l-ewwel mill-fergħat femminili ta' l-Ordni, imwaqqaf fil-15 t'Awissu 1540 minn erba' nisa twajba, li ngħaqdu bix-xewqa li jilbsu l-abitu Karmelitan, li rċevewh fil-knisja tal-Karmnu ta' Firenze. Komplew jgħixu fi djarhom għal erba' snin. F'dan l-ispazju ta' żmien il-Pirjol Ġenerali tal-Karmelitani, il-Beatu Jean Soreth (1394-1471), kiseb mill-Papa Nikol V il-Bolla *Cum Nulla* (7 t'Ottubru 1452) fejn approva l-Fergħa Femminili ta' l-Ordni.

Fis-16 ta' Settembru 1454 sinjura nobbli minn Firenze tat lis-sorijiet tal-bidu dar mill-proprjetà tagħha, fir-raħal San Frediano, qrib il-Pjazza tal-Karmnu u l-Kunvent tal-Karmelitani. Issieħbu xi nisa u tfajliet minn Firenze, li ffurmaw l-ewwel nukleu tal-monasteru ta' Sidtna Marija ta' l-Anġli, imsejjaħ hekk għaliex infetaħ għall-ewwel darba fil-15 ta' Awissu 1450, festa tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija.

Fl-1479 il-Pirjol Ġenerali tal-Karmelitani, Kristofru Martignoni (1471-1481), (dawn in-nisa ta' dak iż-żmien kienu jissejħu 'pinzocchere' - jiġifieri nisa li jilbsu l-abitu reliġjuż, pero' li mhumiex reliġjużi), tahom l- 'iskapular', li permezz tiegħu l-monasteru ntrabat li jgħix ħajja klawstrali. Fl-1520 il-monasteru



*Dettal tal-Pittura. Il-Ferħ ta' San Xmun Stock u Santa Marija Maddalena tifraħ u taċċetta il-pajgi tal-passjoni mingħand il-Bambin Ġesù*

għadda taħt l-ubbidjenza ta' l-Arċisqof ta' Firenze, u wegħdu li jgħixu skond l-osservanza tar-Regula ta' l-Ordni.

Santa Marija Maddalena de' Pazzi daħlet f'dan il-monasteru fl-1582 u hawn għaddiet il-bqija ta' ħajjitha. Hawn għamlet il-professjoni reliġjuża; fih ukoll ġiet mogħnija bi grazzji straordinarji. Hawnhekk għexet ħajja siekta u umli; hawn għarfet it-tbatijiet u l-provi li l-Mulej għoġbu jibgħatilha u, fiċ-ċella ta' l-istess kunvent, filwaqt li lissnet il-kliem "Benedictus Deus" (Imbierek Alla), mietet fil-25 ta' Mejju 1607.

Is-sorijiet, minħabba saħħithom, kellhom jitilqu l-kunvent fl-1628 u marru joqogħdu fir-raħal ta' Pinti; il-monasteru għadda f'idejn il-Patrijiet Ċisterċensi; u fl-1784 sar is-Seminarju Maġġuri f'Firenze, u hekk għadu sal-lum. Iċ-ċella fejn mietet il-qaddisa saret Kappella. Kien hawn fejn Tereża Martin (il-futura Qaddisa Terża tal-Bambin Gesù) qiemet il-ġisem b'nuqqas ta' taħsir ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi (*Manuscriti awtobiografici A, f. 66r*). Fl-1888 reġgħu abbandunawh u marru joqogħdu f'ieħor fi Pjazza ta' Savonarola f'Firenze.

Lejlet il-Milied, 24 ta' Diċembru 1928, is-sorijiet Karmelitani marru joqogħdu f'monasteru ġdid fi Triq Massoni, 26, Careggi (Firenze), fejn jinsabu attwalment u fejn huma kkonservati l-manuskritti kollha oriġinali, ir-relikwji u l-ġisem b'nuqqas ta' taħsir tal-qaddisa (*cfr. Pedro Bravo, O.Carm., Santa Marija Maddalena de' Pezzi, Breve regguaglio, nota 8*, en http://ocarm.org/smmdep/index.htm).

Fil-monasteru antik ta' Santa Marija ta' l-Anġli, fir-raħal San Frediano (illum Seminarju Maġġur ta' Dijoċesi ta' Firenze) jinsabu kkonservati l-aħjar tifkiriet ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi: Iċ-ċella fejn mietet, il-kjostru, il-kor antik tas-sorijiet (illum kappella tas-Seminarju) fejn il-qaddisa għamlet il-professjoni tagħha u fejn esponew il-katavru tagħha qabel ma ġie midfun, is-sala kapitulari, it-turġien fejn kellha varji mumenti ta' estasi, ... Dan kollu joħodna lura lejn il-vjaġġ terren ta' din il-qaddisa.

Il-monasteru ta' Santa Marija ta' l-Anġli hu xhieda li tħallik bla kliem tal-ħajja komuni u umli ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzo, tat-tbatijiet tagħha, tat-talb, ta' l-imħabba tagħha għal Alla. Illum, kif iddeskriviha wieħed mill-aqwa bijografi tagħha reċenti, tidher *"bħala oħt li qiegħda ma' ġenbna, bissempliċità kollha tagħha u li tistieden biex nibqgħu nittamaw anke meta ma tidher ebda tama f'sitwazzjonijiet, fosthom dawk ta' qsim il-qalb u umanament impossibli, għaliex l-imħabba ta' Alla qegħda hemm preżenti, ma ġenbek, biex timliek bil-ferħ; is-sigriet qiegħed li tagħrfu u tilqgħu" (Nicola Gori, professur fl-Università ta' Firenze, fil-ktieb tiegħu Marija Maddalena de' Pazzi ta' l-imħabba ta' Alla li tħallik fuq ix-xwiek. (Ed. San Paolo 2003)*

## Ċelebrazzjonijiet tar-IV Ċentinarju

Bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet tar-IV Ċentinarju mill-mewt ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi ġew ipproġettati inizjattivi varji, kemm min-naħa ta' l-Ordni tal-Karmnu, kif ukoll min-naħa tad-Djoċesi ta' Firenze. Il-Karmelitani ħadmu qatigħ biex il-qaddisa tiġi magħrufa permezz tal-pubblikazzjoni ta' l-Opri tagħha, minsuġa f'Taljan modern filwaqt li jużaw it-test imħejji mill-mikbi P. Elija Molinari, O.Carm. Bħala l-ewwel għarfien tal-figura tal-qaddisa tħejjiet kollezzjoni ta' 15-il kwadru, li jirrappreżentaw il-mixja ta' ħajjitha, mit-twelid sal-mewt, u b'testi ta' l-opri tagħha.

Iċ-ċelebrazzjoni tat-IV Ċentinarju mill-mewt ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi għalqet fil-25 ta' Mejju ta' l-2007; fil-Kungress li sar f'Firenze, ġew ttrattati sa mill-għeruq erba' temi: *Ambjent fjorentin sa tmiem il-ħames seklu Taljan; Ikonografija tal-Qaddisa; il-figura tagħha bħala mara appassjonata għall-problemi tal-Knisja; il-Lingwaġġ mistiku tagħha, espressjoni ta' umanità sensibbli għall-problemi tal-bniedem.*

Id-Djoċesi ta' Firenze pprogrammat serje ta' attivitajiet, biex iddaħħal fl-ispirtu lill-fidili permezz tal-Qaddisa Marija Maddalena de' Pazzi, bint Firenze u issa omm mis-sema, li turi x-xewqa tagħha għall-qdusija u dak ta' umaniżmu kapaċi li jħobb biss meta jħobb lilu nnifsu għal Alla.

Il-Kummissjoni taċ-Ċentinarju ħasbet biex tippubblika katalogu illustrattiv fuq il persuna ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi permezz tal-kuntest storiku tagħha: familja u postijiet li fihom żviluppat ħajjitha; l-epoka rinaxximentali ta' Firenze li fiha għaddiet l-eżistenza tagħha; Wirja ta' opri pittoriċi l-aktar rappreżentattivi tal-qaddisa.

L-urna li fiha hemm il-ġisem b'nuqqas ta' taħsir ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi ġiet trasportata mill-monasteru ta' Careggi għall-Katidral ta' Firenze, l-istess kif ġie iċċelebrat ir-IV Ċentinarju mit-twelid tagħha fl-1966.

*Rafael Leiva Sànchez, O.Carm.*

*Escapulario del Carmen, Rafael Leiva Sànchez, O.Carm., Settembru 2006, pp.295-299, miġjub għall-Malti mill-Ispanjol minn Patri Samuel Abela, O.Carm.*



*Ftuħ taċ-Ċelebrazzjoni tar-IV Ċentinarju mill-Mewt Ta' Santa Marija Maddalena de' Pazzi (Firenze 1607-20070*